Il-Kunsill Nazzjonali
tal-Ilsien Malti

www.kunsilltalmalti.gov.mt

# L-użu tal-Malti mis-Servizz Pubbliku mal-istituzzjonijiet Ewropej

## b'enfasi fuq il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Dan ir-rapport tal-Kunsill tal-Malti ġie pprezentat lill-Onor. Edward Zammit Lewis,
Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza, fis-26 ta' Jannar 2022.

### Il-prinċipji tal-UE b'risq il-lingwi u t-twettiq tagħhom

L-Unjoni Ewropea hi impenjata favur id-diversità lingwistika Ewropea. Il-motto tagħha 'l-unità fid-diversità' ssarrfu b'risq il-multilingwiżmu li hu wieħed mill-karatteristiċi ewlenin li ilu jiddistingwiha minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra sa mit-twaqqif tagħha fl-1957. Fil-fatt, l-ewwel regolament (1958)[1] diġà kien ħaseb fl-użu tal-lingwi u jiddetermina l-lingwi uffiċjali tagħha, li dak iż-żmien kienu erbgħa.

Għall-UE, il-lingwi huma l-iżjed espressjoni kulturali diretta. Tant hu hekk li l-Artiklu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea[2] jiddikjara li l-Unjoni għandha "tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u għandha tassigura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew".

Barra minn hekk, fl-Artiklu 165(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea[3] nsibu li l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun immirata lejn "l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni, partikolarment permezz tat-tagħlim u t-tixrid tal-lingwi tal-Istati Membri". B'rabta ma' dan, fil-komunikazzjoni tagħha ta' Novembru 2017[4] il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-viżjoni ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li fiha "titħejja Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tat-tagħlim tal-lingwi fl-Ewropa, li tistabbilixxi livell referenzjarju li sal-2025 iż-żgħażagħ Ewropej li jlestu l-edukazzjoni sekondarja għolja jkollhom għarfien tajjeb ta' żewġ lingwi minbarra l-lingwa materna tagħhom." Din il-mira ambizzjuża diġà kien hemm qbil fuqha mill-kapijiet tal-Istati Membri kollha fl-2002 waqt laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Barċellona.

Anke l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, adottata fl-2000 u li daħlet fis-seħħ bit-Trattat ta' Liżbona,[5] tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa (Art. 21) u timponi l-obbligu fuq l-UE li tirrispetta d-diversità lingwistika (Art. 22).

1 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:31958R0001
2 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX%3A12012M%2FTXT
3 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A12012E
4 COM(2017) 673: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52017DC0673&from=EN
5 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:12012P/TXT

Fl-2013 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni[6] u ħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtuhom aktar attenzjoni u jieħdu ħsieb id-diversità tal-wirt lingwistiku u kulturali tal-UE.

Fl-2016 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar il-lingwa tas-sinjali u l-interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali[7] biex dawk neqsin mis-smigħ ikollhom aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni daqs ħaddieħor bis-saħħa tal-interpretar bil-lingwa tas-sinjali, is-sottotitolar, il-konverżjoni tat-taħdit f'kitba (speech-to-text) u forom oħra alternattivi ta' komunikazzjoni.

Fl-2018 il-Parlament Ewropew approva riżoluzzjoni oħra dwar il-protezzjoni u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-minoranzi fl-Istati Membri tal-UE.[8] Din ir-riżoluzzjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li jitħares id-dritt li tintuża lingwa minoritarja u jipproteġu d-diversità lingwistika fl-Unjoni. Fl-UE nsibu aktar minn 60 lingwa indiġena reġjonali jew minoritarja, mitkellma minn madwar 40 miljun ruħ. Dawn jinkludu l-Bask, il-Katalan, il-Friżjan, is-Saami u l-Yiddish.[9] Tajjeb insemmu wkoll li f'Settembru 2018 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar l-ugwaljanza tal-lingwi fl-era diġitali.[10] Fiha stieden lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta l-aktar mezzi xierqa u tiżviluppa strateġija kkoordinata għal suq uniku diġitali multilingwi.

L-UE għandha wkoll għadd sabiħ ta' inizjattivi li jippromwovu l-lingwi u t-traduzzjoni, bħall-Premju LUX tal-Parlament Ewropew (għas-sottotitolar tal-films), il-programm Ewropa Kreattiva tal-Kummissjoni Ewropea (għat-traduzzjoni ta' kotba u manuskritti), u l-Jum Ewropew tal-Lingwi (iċċelebrat kull sena madwar l-Istati Membri fis-26 ta' Settembru). Hemm ukoll il-pjattaforma IATE u s-servizz diġitali tal-eTranslation, li mhux magħluq għall-istituzzjonijiet tal-UE biss, u li qed jgħinu mhux ftit fl-armonizzazzjoni terminoloġika u fit-traduzzjoni; dan japplika għal testi maqluba għall-Malti.

B'hekk nistgħu napprezzaw l-azzjonijiet konkreti b'risq il-multilingwiżmu u d-diversità lingwistika Ewropea li tħaddan l-UE.

## It-traduzzjoni fl-Unjoni Ewropea

Illum l-Unjoni Ewropea għandha 24 lingwa uffiċjali.[11] Skont l-Art. 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom "igawdu d-dritt li jressqu petizzjoni lill-Parlament Ewropew, id-dritt li jirrikorru għall-Ombudsman Ewropew, kif ukoll id-dritt li jindirizzaw lill-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi tal-Unjoni fi kwalunkwe lingwa tat-Trattat u d-dritt li jirċievu tweġiba bl-istess lingwa." Ir-regolamenti tal-UE u t-testi leġiżlattivi jinħarġu bil-lingwi uffiċjali kollha.[12] Il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill tal-UE jiġu interpretati fil-lingwi uffiċjali kollha. Barra minn hekk, il-membri tal-Parlament Ewropew għandhom id-dritt li jużaw kwalunkwe waħda mil-lingwi uffiċjali fid-diskorsi tagħhom fil-Parlament.[13]

Għal dan il-għan, l-UE timpjega għadd ġmielu ta' interpreti, tradutturi u qarrejja tal-provi fl-istituzzjonijiet tagħha biex dawn l-24 lingwa uffiċjali jkunu jistgħu jintużaw fil-komunikazzjoni u l-pubblikazzjonijiet li toħroġ. Toffri wkoll opportunitajiet ta' xogħol freelance. Fil-fatt, l-UE nistgħu ngħidu li hi l-akbar aġenzija tat-traduzzjoni fid-dinja.

6 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52013IP0350&from=MT

7 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52016IP0442&from=MT

8 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:52018IP0032&from=MT

9 https://europa.eu/european-union/about-eu/eu-languages_mt

10 https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2018-0332_MT.html

11 Il-Bulgaru, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ingliż, l-Irlandiż, l-Ispanjol, il-Kroat, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, l-Olandiż, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol, l-Iżvediż, it-Taljan, u l-Ungeriż.

12 Bl-Irlandiż għalissa qed jinħarġu biss ir-regolamenti adottati mill-Kunsill tal-UE u mill-Parlament Ewropew: https://ec.europa.eu/info/news/irish2022_en

13 https://europa.eu/european-union/about-eu/eu-languages_mt

## It-traduzzjoni bil-Malti fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Id-Diviżjoni tal-Ilsien Malti fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE hi responsabbli mit-traduzzjoni għall-Malti tad-dokumenti li jinħarġu minn din l-istituzzjoni Ewropea. Tittraduċi kemm dokumenti ta' natura ġudizzjarja, bħal sentenzi u digrieti, u kemm dokumenti oħra ta' natura ġenerali, bħas-sit elettroniku, stqarrijiet għall-istampa u korrispondenza.

Kull komunikazzjoni bil-Malti mal-Qorti tal-Ġustizzja, ngħidu aħna, komunikazzjoni minn partijiet f'kawża, jew mill-pubbliku, jew minn xi gvern ta' Stat Membru, tgħaddi għand id-Diviżjoni tal-Ilsien Malti għat-traduzzjoni f'lingwa oħra. Imbagħad, wara li tiġi abbozzata tweġiba, l-istess Diviżjoni jitolbuha tittraduċiha għall-Malti biex jibagħtuha lil min ikun kitbilhom oriġinarjament għax it-tweġiba ssir bl-istess lingwa użata fl-ewwel komunikazzjoni. S'issa l-Gvern ta' Malta darba biss ipprefera jikteb bil-Malti lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Mill-banda l-oħra, meta l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha l-okkażjoni tikteb direttament lill-gvern Malti fuq kwistjonijiet ekstraġudizzjarji, dejjem tuża l-Malti.

Id-Diviżjoni tal-Ilsien Malti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE hija obbligata tittraduċi għal lingwa oħra l-atti ġudizzjarji li jintbagħtu bil-Malti mill-Gvern ta' Malta (bħar-rikorsi u l-osservazzjonijiet). F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tapplika sistema li tippermetti l-użu tal-lingwa uffiċjali tal-parti li tidher quddiemha f'kawża (skont ir-Regoli tal-Proċedura). Għas-smigħ ta' kull kawża tiġi attribwita lingwa (magħrufa l-'Lingwa tal-Kawża') u d-dokumenti kollha ta' dik il-kawża jinkitbu jew jiġu tradotti għal-lingwa tal-kawża u għall-Franċiż, li hi l-lingwa tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja). B'hekk kull parti, u l-persunal kollu tal-Qorti, tifhem dak li jkun qed jintqal fil-kawża. Skont din is-sistema, il-gvern Malti għandu d-dritt juża l-Malti jew l-Ingliż fil-kawżi li fih ikun involut direttament, imma wkoll fil-kawżi li fihom jidher bħala intervenjent, għax dawn huma ż-żewġ lingwi uffiċjali ta' Malta.

Il-preferenza tal-gvern Malti għall-użu tal-Ingliż qed tikser il-prinċipju li, fost l-oħrajn: "jagħraf fl-ilsien Malti espressjoni qawwija tan-nazzjonalità tal-Maltin, u għalhekk jagħtih l-għarfien xieraq u meħtieġ kollu billi jagħraf l-importanza tiegħu fil-prinċipju u fil-prattika" (Art 3 (1)(ċ) tal-Att dwar l-Ilsien Malti).

Sa mill-bidu tas-sħubija tagħna fl-UE, il-gvern Malti wera atteġjament ambivalenti lejn l-għażla tal-lingwa fil-komunikazzjoni tiegħu mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Mill-2009 'l hawn, l-uniċi kawżi li użaw il-Malti bħala 'lingwa tal-kawża' huma dawk li tressqu mill-qrati Maltin. Is-Servizz Pubbliku għadu jippreferi l-Ingliż.

Fit-tabella li ġejja qed ninkludu l-kawżi li fihom Malta dehret bħala parti direttament involuta. Tħallew barra l-kawżi li fihom kienu involuti persuni jew kumpaniji Maltin. Kif jidher fit-tabella, il-Malti beda jintuża fl-ewwel snin imma, aktar ma għadda ż-żmien, żdied l-użu tal-Ingliż. Għalkemm f'dan ir-rigward ma jidhirx li hemm direzzjoni ċara jew xi politika lingwistika partikolari, il-preferenza tal-gvern Malti tinħass sewwa li hija l-Ingliż. Fl-20 kawża indikati, il-lingwa tal-kawża kienet l-Ingliż fi 13-il kawża, u l-Malti f'sebgħa minnhom. Hawn ta' min jinnota li minn dawn l-aħħar sebgħa, erbgħa kellhom il-Malti għax kienet għażla awtomatika minħabba li l-Malti biss huwa l-ilsien uffiċjali tal-qrati Maltin. Dan ifisser li l-ilsien Malti għażluh biss fi tliet kawżi, u dan dejjem sar mill-Kummissjoni Ewropea, u qatt mill-gvern Malti. Infakkru li f'kull waħda minn dawn l-20 kawża, il-gvern Malti kellu dejjem id-dritt jagħżel il-Malti bħala l-lingwa tal-kawża.

Il-Kummissjoni Ewropea, fil-kawżi li fetħet kontra Malta, spiċċat kważi dejjem tuża l-Ingliż (11-il darba minn 14) u l-gvern Malti ma jidhirx li oġġezzjona. Mhux talli hekk, talli d-darbtejn li fetaħ kawża l-gvern Malti, għażel l-Ingliż billi kiteb ir-rikors promotur bl-Ingliż.

Fl-erba' darbiet li fihom il-qrati Maltin ressqu domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-gvern Malti talab saħansitra li jitkellem bl-Ingliż fis-seduta. Din it-talba ma saritx biss għax l-avukati li ġieli rrappreżentaw lil Malta kienu barranin, għax fil-fatt it-talba biex il-gvern Malti jikkomunika bl-Ingliż saret anke meta l-avukati kienu Maltin.

Barra minn hekk, mas-sħubija tagħna fl-UE, il-gvern Malti kien aċċetta li d-domandi preliminari li jaslu mill-qrati tal-Istati Membri, ilkoll miktubin bil-lingwa uffiċjali tagħhom u li jiġu nnotifikati lill-gvernijiet kollha, ma ssirilhomx traduzzjoni bil-Malti, u minflok juża l-verżjoni bl-Ingliż. Minn dawn ikun hemm madwar 400 fis-sena.

| Kawża | Isem tal-kawża | Lingwa tal-kawża | Pendenti/ Deċiża | Intervent tal-gvern Malti fis-seduta | Tip ta' kawża | Suġġett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| C-79/07 | Il-Kummissjoni vs Malta | il-Malti | 08/08/2007 | Is-seduta ma nżammitx | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Obbligu ta' traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet neċessarji tad-Direttiva 2003/110/KE dwar l-għajnuna f'każijiet ta' tranżitu għal raġunijiet ta' tneħħija bl-ajru |
| C-87/07 | Il-Kummissjoni vs Malta | il-Malti | 10/08/2007 | Is-seduta ma nżammitx | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Obbligu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja |
| C-136/06 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 29/08/2007 | Is-seduta ma nżammitx | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Obbligu li jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji taħt id-Direttiva 2002/96/KE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) |
| C-508/06 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 29/11/2007 | bil-Malti | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Obbligu ta' ġestjoni tal-iskart – Rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls – Nuqqas ta' komunikazzjoni tal-pjanijiet u tal-qafas meħtieġa |
| C-563/07 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 18/08/2008 | Is-seduta ma nżammitx | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Obbligu ta' provvista tal-informazzjoni meħtieġa li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto |
| C-11/08 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 03/10/2008 | Is-seduta ma nżammitx | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Obbligu ta' provvista fid-dritt nazzjonali ta' spetturi li jissodisfaw il-kriterji tad-Direttiva 95/21/KE dwar il-kontroll portwali tal-Istat |
| C-76/08 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 10/09/2009 | bil-Malti | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi – Kaċċa fir-rebbiegħa – Projbizzjoni – Deroga mis-sistema ta' protezzjoni – Kundizzjoni marbuta mal-assenza ta' 'soluzzjoni oħra sodisfaċenti' |
| C-252/08 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 01/10/2009 | bil-Malti | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Obbligu ta' limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċertu tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni fir-rigward tat-tħaddim tal-impjant ċentrali tal-elettriku f'Delimara u tal-impjant tal-Marsa |

| Kawża | Isem tal-kawża | Lingwa tal-kawża | Pendenti/ Deċiża | Intervent tal-gvern Malti fis-seduta | Tip ta' kawża | Suġġett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| C-508/08 | Il-Kummissjoni vs Malta | il-Malti | 28/10/2010 | bil-Malti | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' trasport marittimu – Servizzi ta' kabotaġġ fi ħdan Stat Membru – Obbligu li kuntratti ta' servizz pubbliku jiġu konklużi fuq bażi mhux diskriminatorja – Konklużjoni, mingħajr sejħa għal offerti minn qabel, ta' kuntratt esklużiv qabel id-data tal-adeżjoni ta' Stat Membru mal-Unjoni |
| C-351/09 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 22/12/2010 | bil-Malti | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Obbligu li jiġu stabbiliti u li jsiru operattivi l-programmi għall-monitoraġġ tal-istat tal-ilma tal-wiċċ, u li jiġu ppreżentati rapporti lill-Kummissjoni |
| C-221/09 | AJD Tuna vs Direttur tal-Agrikultura u s-Sajd | il-Malti | 17/03/2011 | bil-Malti | Rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Malta | Validità tar-Regolament (KE) Nru 530/2008 – Politika komuni tas-sajd – Konservazzjoni tar-riżorsi – Irkupru tal-istokk tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Mediterran |
| C-376/09 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 19/05/2011 | bl-Ingliż | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Obbligu ta' dikommissjoni tas-sistemi ta' protezzjoni kontra n-nar u estingwituri tan-nar li jkun fihom il-halon għal użi mhux kritiċi fuq bastimenti |
| C-178/12 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 20/07/2012 | Is-seduta ma nżammitx | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Obbligu ta' tfassil ta' mapep strateġiċi tal-ħsejjes fir-rigward tal-agglomerazzjonijiet u t-toroq maġġuri, u nuqqas ta' komunikazzjoni lill-Kummissjoni minn Malta |
| C-71/12 | Vodafone Malta u Mobisle Communications | il-Malti | 27/06/2013 | bl-Ingliż | Rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Qorti Kostituzzjonali, Malta | Networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi – Ħlasijiet amministrattivi u tariffi għad-drittijiet ta' użu – Tariffa applikabbli għall-operaturi ta' telefonija mobbli |
| C-12/14 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 03/03/2016 | bl-Ingliż | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Pensjoni tax-xjuħija taħt l-iskema nazzjonali u tas-servizz pubbliku taħt l-iskema ta' Stat Membru ieħor – Tnaqqis tal-ammont tal-pensjoni tax-xjuħija |
| C-125/16 | Malta Dental Technologists | il-Malti | 21/09/2017 | bl-Ingliż | Rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Malta | Rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali – Tekniki dentali |

| Kawża | Isem tal-kawża | Lingwa tal-kawża | Pendenti/ Deċiża | Intervent tal-gvern Malti fis-seduta | Tip ta' kawża | Suġġett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| T-653/16 | Malta vs Il-Kummissjoni | l-Ingliż | 03/05/2018 | bl-Ingliż | Rikors dirett | Aċċess għal dokumenti – Politika komuni tas-sajd – Dokumenti skambjati bejn Malta u l-Kummissjoni – Aċċess mogħti lill-Greenpeace |
| C-557/15 | Il-Kummissjoni vs Malta | l-Ingliż | 21/06/2018 | bl-Ingliż | Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu | Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi - Qabda u żamma ta' għasafar ħajjin tal-għana – Projbizzjoni – Sistema derogatorja nazzjonali |
| C-896/19 | Repubblika | il-Malti | 20/04/2021 | bl-Ingliż | Rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Malta | Valuri tal-Unjoni Ewropea – Stat tad-dritt – Assenza ta' rigress fil-livell ta' protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Indipendenza tal-membri tal-ġudikatura ta' Stat Membru – Proċedura ta' ħatra – Setgħa tal-Prim Ministru – Involviment ta' kumitat dwar il-ħatriet tal-ġudikatura |
| C-552/20 | Malta vs Il-Parlament u l-Kunsill | l-Ingliż | Pendenti | Mhux magħruf | Rikors dirett | Talba minn Malta għall-annullament tal-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament 1071/2009, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq |

Meta pajjiżna ssieħeb fl-UE, fl-1 ta' Mejju 2004, inħasset il-ħtieġa li nitolbu deroga temporanja għax kien hemm diffikultà biex jiġu impjegati biżżejjed tradutturi tal-Malti fi żmien qasir u l-istituzzjonijiet Ewropej ma kinux f'pożizzjoni li jiggarantixxu l-qlib tal-atti kollha adottati minnhom. Din id-deroga tat perjodu tranżitorju ta' tliet snin, li bdew jiskorru mill-1 ta' Mejju 2004, li matulhom l-istituzzjonijiet tal-UE ma kinux marbutin ifasslu u jippubblikaw l-atti kollha bil-Malti fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Id-deroga ma kinitx tgħodd għar-regolamenti li kienu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk dawn kellhom jibqgħu jiġu tradotti kollha għall-Malti. Fi tmiem dan il-perjodu tranżitorju, l-atti kollha li sal-2007 ma kinux għadhom ġew ippubblikati bil-Malti kellhom jinħarġu bil-Malti wkoll.[14]

Għall-bidu, ir-raġuni għaliex id-domandi preliminari tal-Istati Membri lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ma kinux jiġu tradotti għall-Malti kienet din id-deroga. Madankollu, fl-2007, meta għalaq il-perjodu tagħha, ma saret ebda talba mill-gvern Malti biex dawn jibdew jiġu tradotti għall-Malti, minkejja li d-Diviżjoni tal-Ilsien Malti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE kienet laħqet il-kapaċità li tittraduċihom bit-tradutturi tagħha.

Bl-imġiba tagħna qed nibagħtu messaġġ żbaljat lill-istituzzjonijiet Ewropej. Qed ngħidulhom li l-Malti mhuwiex importanti għalina, u li l-investiment fit-traduzzjoni u fl-interpretar għall-Malti ngħaddu mingħajru. U, b'xorti ħażina, dan il-messaġġ qed jintbagħat mill-gvern ċentrali mingħajr ma hu konxju. Din l-imġiba tal-Istat Malti tistona mal-imġiba tal-Istati Membri l-oħra.

14 Dwar dan, tista' tara t-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 7937 tas-Seduta 173 ta' Leġiżlatura X (18/10/2004): https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/7561f7daddf0609ac1257d1800311f18/c1256e7b003e1c2dc1256f3100201d5f!OpenDocument&Highlight=0,deroga

Il-Kunsill tal-Malti jqis li dan huwa nuqqas għal pajjiż żgħir bħal Malta minħabba żewġ raġunijiet ewlenin:

1. Irridu nagħrfu li meta nużaw il-Malti f'kuntest internazzjonali, pajjiżna jikseb viżibbiltà mal-uffiċjali u l-politiċi tal-Istati Membri l-oħra. Jekk dipartiment tat-traduzzjoni jkun żgħir, kif inhu l-każ tal-Malti, il-pajjiż jidher inqas u ma jkollux preżenza fl-istituzzjonijiet tal-UE. L-użu tal-lingwa jgħin ħafna għal dan l-iskop.

   Aħna nifhmu li mal-barranin huwa normali li nużaw lingwa barranija biex nikkomunikaw. Madankollu trid issir distinzjoni bejn komunikazzjoni informali u uffiċjali. Fit-tieni mod ta' komunikazzjoni hu meħtieġ li jkun hemm kuxjenza akbar ta' xi jfisser l-użu tal-lingwa nazzjonali fil-kuntest tar-relazzjonijiet internazzjonali.

   Importanti nżommu f'moħħna li fil-kuntest Ewropew, b'differenza mill-kuntesti internazzjonali l-oħra li fihom jopera l-gvern Malti (in-Nazzjonijiet Magħquda, organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, u relazzjonijiet bilaterali), il-Malti huwa rikonoxxut bħala wieħed mill-ilsna uffiċjali. Dan jagħti lill-gvern Malti d-dritt li jikkomunika formalment bil-Malti. Huwa obbligu tal-istituzzjonijiet Ewropej li jwettqu l-prinċipju tal-multilingwiżmu fl-UE. Dan il-prinċipju huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li l-gvernijiet jippreferu jużaw il-lingwa nazzjonali tagħhom, għaliex din hija n-normalità barra minn Malta.

   Hija din ir-raġuni għala l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom it-tradutturi u l-interpreti għal-lingwi uffiċjali kollha. Din mhijiex kapriċċ jew ħela ta' flus, imma aċċettazzjoni ta' kemm aħna diversi fl-UE u rikonoxximent tad-dritt fundamentali ta' kulħadd li jkollu l-istess informazzjoni bil-lingwa tiegħu. B'xorti tajba, fil-qasam legali t-terminoloġija bil-Malti għandha tradizzjoni u diġà hi żviluppata, jiġifieri m'hemmx diffikultà biex jinstab il-kliem meħtieġ għas-servizzi tat-traduzzjoni u l-interpretar għall-Malti.

   Il-gvern Malti għandu d-dmir, imniżżel fil-liġi Maltija, li jippromwovi l-ilsien Malti. Biex dan id-dmir inwettquh għandu jkun hemm politika ċara fl-amministrazzjoni pubblika favur l-użu tal-Malti. Is-siti elettroniċi tal-Ministeru tal-Ġustizzja u tal-Qorti diġà huma disponibbli biż-żewġ lingwi uffiċjali, bil-maqlub tas-siti ta' ħafna ministeri u dipartimenti oħra tal-gvern Malti. L-inqas ħaġa li għandu jagħmel il-gvern Malti hi li, almenu, fil-komunikazzjoni formali tiegħu mal-istituzzjonijiet tal-UE, jinsisti li juża l-Malti. Din għandha tkun il-prassi naturali tal-Istat Malti f'din l-organizzazzjoni supranazzjonali li qed tagħraf lil ilsienna bħala wieħed mil-lingwi uffiċjali tagħha.

   Bil-maqlub tagħna, l-Irlanda – li madwar 40% biss tal-popolazzjoni tagħha taf l-Irlandiż u mhux neċessarjament titkellmu kuljum[15] – qed tkompli tisħaq li fl-UE tuża l-Irlandiż u ħejjiet pjan biex mill-2022 l-Irlandiż isir ilsien uffiċjali b'mod sħiħ tal-UE.

2. Il-ħtieġa tal-interpretar u t-traduzzjoni jiggarantixxu x-xogħol lill-impjegati Maltin fi ħdan l-UE. Meta ma ssirx traduzzjoni għall-Malti, l-interpreti u t-tradutturi Maltin jinqabżu. Tant hu hekk li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE mhix timpjega interpreti Maltin full-time magħha għax il-Malti mhux jintuża fil-kawżi, imma fl-istess ħin tħaddem madwar 70 interpretu tal-lingwi uffiċjali l-oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja għall-Malti timpjega biss 21 ġurista lingwista għat-traduzzjoni u tliet qarrejja tal-provi. Jekk il-gvern Malti se jkompli juża l-Malti mill-inqas, jiġri li l-UE hi u tagħmel l-eżerċizzju tal-ibbaġittjar se tinnota li m'hemmx domanda kbira għall-Malti u probabbilment tnaqqas il-postijiet tax-xogħol allokati għall-interpreti u t-tradutturi tal-Malti.

Bl-użu konsistenti tal-ilsien Malti fl-Unjoni Ewropea, minbarra li nżidu l-viżibbiltà għal pajjiżna fi ħdan l-istituzzjonijiet varji tagħha, inkunu qed insaħħu l-pożizzjoni li jgawdi lsienna bħala wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

15 https://www.cso.ie/en/csolatestnews/presspages/2017/census2016profile10educationskillsandtheirishlanguage

Il-Kunsill Nazzjonali
tal-Ilsien Malti

www.kunsilltalmalti.gov.mt